# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 96/14RGM**

**Carmela sive Carmen Ciantar**

**v.**

**Dr Jeffrey Pullicino Orlando**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-26 ta' April 2018 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attrici sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet li sehh fil-11 ta' Awissu 2012 jigi annullat, bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Fatti**

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Wara li l-partijiet, kienu ilhom f'relazzjoni stabbli ghal perjodu ta' 10 snin li matulhom kienu jikkonvivu fid-dar parafernali tal-attur, flimkien ma' uhud mill-ulied li l-partijiet kellhom mill-ewwel zwigijiet taghhom, giet promulgata l-ligi tad-divorzju u bis-sahha t'hekk il-partijiet, li kienu t-tnejn separati personalment mill-konjugi rispettivi taghhom mill-ewwel zwieg, setghu jizzewgu.

3. Wara li t-tnejn hadu d-divorzju, l-attrici bdiet tinsisti mal-konvenut sabiex jissigillaw ir-relazzjoni taghhom bil-vinkolu taz-zwieg civili, izda l-konvenut, minkejja li kien wiehed mill-protagonisti fil-kampanja li wasslet ghall-introduzzjoni tal-ligi tad-divorzju f'Malta, ma riedx jaccetta dak li kienet qed tinsisti fuqu l-attrici ghax hass li ma kienx lest li jerga' jizzewweg, izda sussegwentement ceda ghal dak li riedet l-attrici bir-rizultat li l-partijiet izzewgu fid-data fuq indikata. Wara circa sena u nofs ta' konvivenza matrimonjali karatterizzata minn hafna inkwiet bejn il-partijiet, l-attrici u bintha Celine kienu kostretti li jitilqu mid-dar konjugali principalment minhabba l-komportament tal-konvenut fil-konfront taghhom u anke minhabba li ulied il-konvenut mill-ewwel zwieg ma riedux jaccettaw il-fatt tat-tieni zwieg ta' missierhom mal-attrici.

4. Jirrizulta wkoll li, sa minn qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu accettaw li, minkejja li kienu ser jizzewgu, huma ma jkollhomx tfal ohra, peress li t-tnejn li huma kien diga` kellhom tfal mill-ewwel zwieg taghhom.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt:

> "Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed tfittex dikjarazzjoni li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut fil-11 ta' Awwissu 2012 huwa null u invalidu fil-ligi a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu, filwaqt li jaqbel illi z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null, isostni li ghal din in-nullita` tahti l-attrici almenu b'mod parzjali.
>
> "**Provi**
>
> "*Verzjoni Attrici*
>
> "**L-attrici Carmen Ciantar xehdet permezz ta' Affidavit**[1] fejn iddikjarat is-segwenti:-
>
> *"Nibda billi nghid li ltqajt ma' Jeffrey fil-klinika tieghu f'Haz-Zebbug fis-sena 2002. Wara ftit xhur minn mindu bdejna nohorgu flimkien morna nghixu fid-dar tieghu f'Haz Zebbug. Domna nghixu flimkien ghal 10 snin. Bhal ma jaf kullhadd kien Jeffrey li stinka biex Malta tintroduci l-ligi tad-divorzju u x'hin id-divorzju gie finalment introdott, kemm jien u kemm hu applikajna biex niddivorzjaw mill-ewwel zwieg taghna. Kont minghalija li hekk kif inkunu divorzjati, l-ewwel pass li naghmlu jkun dak li nizzewgu ghaliex Jeffrey kellu furur kbir li nkunu minn tal-ewwel li niddivorzjaw u mbaghad nizzewgu.*
>
> "*F'Dicembru 2011 it-tnejn li ahna konna divorzjati u ghalhekk kont jien li gibt id-diskors fuq iz-zwieg ghax ridt li wara dawk is-snin flimkien, issa li finalment stajt nerga' nizzewweg, ridt nifformalizza r-relazzjoni taglina. Kif diga' ghidt, kemm qabel kif ukoll fiz-zmien tal-kampanja tad-divorzju, Jeffrey urieni li ried jizzewweg (bhal ma ridt*

[1] A fol. 15 *et seq.*

*jien) u ghalhekk nghid li kont ferm sopriza meta (wara li ddivorzjajna t-tnejn li ahna u stajna naghmlu dan il-pass), beda jghidli li qed ihossu liberu ghax issa ma kienx ghadu marbut biz-zwieg mal-ewwel mara u li kien qed jahsibha jekk ghandux jizzewwigni jew le. Ghamiltha cara mieghu li jekk ma kienx lest li jizzewwigni (anke wara dawk l-isforzi kollha sabiex Malta tintroduci d-divorzju) kont ser nitilqu. Dan ghidtu b'konvinzjoni ghax ma ridtx li wara dawk is-snin kollha nibqa' nghix mieghu bhal li kieku l-isforzi taghna kienu ghal xejn, anke ghaliex bdejt inhossni traduta minn dak li kien jghidli qabel u cioe' fiz-zmien tal-kampanja tad-divorzju. La kien hemm il-possibilita' ta' zwieg, ridt nehodha. Jeffrey kien jaf li I meant what I said. Nixtieq nghid ukoll li l-fatt li Jeffrey kien biddel l-attitudni tieghu fuq iz-zwieg taghna, hassibni hazin tant li fi zmien il-Milied (f'party partikolari) kont kellimt li Simon Farrugia (habib tal-qalb tieghu) u staqsejtu jekk Jeffrey kellux xi mara ohra ghax ma stajtx nifhem x'kien inbidel. Fl-istess party dan Simon mill-ewwel qal lil Jeffrey li kont qed nahseb hazin fih tant li Jeffrey gie ghas-sodisfazzjon. Fl-istess hin pero' assigurani li ma kellu lil hadd.*

"*Ftit tal-gimghat wara li kellimtu fuq iz-zwieg (anke konxju minn dak li kont ghidtlu jien u cioe' li ma kontx ser nibqa' mieghu jekk ma nizzewgux u l-fatt li kien jaf li meta nghid xi haga eventwalment inwettaqha), Jeffrey qalli li dawwar fehmtu. Kont naf li dan il-bdil fil-hsieb tieghu sehh ghaliex hass il-pressure li jizzewweg. Nghid hekk ghaliex kullhadd kien qed jistennih jaghmel dan il-pass wara kemm stinka biex igib id-divorzju Malta. Prattikament hassu obbligat li jizzewwigni. F'dawn ic-cirkustanzi fil-fatt meta propona z-zwieg l-ewwel haga li staqsejtu kienet jekk kienx verament cert (ghaliex kien biddel il-hsieb darbtejn fi zmien ftit gimghat u ghax kont naf li hass certu pressure socjali biex jizzewweg). Ghalkemm kont naf li kellu dawn il-pressures kollha, xorta ridtu jkun cert. Meta staqsejtu jekk kienx cert minn din id-decizjoni, qalli car u tond li kien cert ghaliex kien jaf li jekk dan ma jigrix kont ser nitlaq u li ma setax jimmagina hajtu minghajri.*

"*B'dan il-kliem, ikkonvincini u ghalhekk accettajt li nizzewgu. Dan kien lejn l-ahhar tas-sena 2011 u l-bidu tas-sena 2012. Ghazilt id-data jien (11 ta' Awwissu 2012) u kull ma kelli naghmel kienet li naghzel il-libsa tieghi u tat-tfal tal-ewwel zwiegijiet taghna. Il-bqija ha hsieb kollox hu ghaliex ghalih kien importanti li kollox ikun perfett. Ried li ghal ghajn in-nies u ghall-hbieb li kellna kollox ikun perfett. Sadanittant, ovvjament bqajna nghixu flimkien u maghna kellna lit-tifla tieghi mill-ewwel zwieg Celine u t-tifla tieghu Maria mill-ewwel zwieg (ghalkemm din tal-ahhar kienet tqatta' xi hin ghand ommha wkoll).*

"*Imbaghad f'Marzu 2012 Jeffrey kien gie d-dar u hareg bl-idea li naghmlu kuntratt qabel iz-zwieg. Mill-ewwel urejtu li ma kontx naqbel ma' din l-idea u verament hsibt li stajt nikkonvincih dwarha pero' dan ma kienx il-kaz ghaliex baqa' jinsisti dwarha. Illum*

*nirrealizza li missni ndunajt li Jeffrey kien diga' jaf li z-zwieg taghna ma kienx ser ikampa u jsalva imma dak iz-zmien emmint li kollox kien ser ikun sew bejnietna u li l-incertezza li kellu qabel kienet marret. Ir-raguni li kien jaghtini sabiex isir dan il- kuntratt ta' qabel iz-zwieg kienet li ried jaccerta ruhu li d-dar ta' Haz-Zebbug tibqa' dejjem tieghu ta' wliedu biss u li binti ma jkollha ebda sehem mill-klinika tieghu. Ghalxejn ghidtlu li dawn kienu kollha proprjeta' tieghu ta' qabel iz-zwieg taghna u li t-tifla tieghi qatt ma seta' jkollha dritt fuq il-proprjeta' tieghu. Baqa' jinsisti li dik l-ehfef triq biex tigi evitata l-qorti f'kaz li z-zwieg taghna jfalli. Sfortunatament ma rrealizzajtx li fil-fatt Jeffrey kien diga' jaf li z-zwieg taghna ma kienx ser jirnexxi. Tant kien jaf li fil-kuntratt gie mnizzel li f'kaz li nisseparaw jew niddivorzjaw jew imut hu, jien kelli nohrog mid-dar tieghu ta' Haz-Zebbug fi zmien sena b'dan li mmur nghix f'appartament tieghu iehor f'Tas-Sliema u jkolli l-uzufrutt tieghu.*

"*Domt intawwal sal-ahhar granet qabel it-tieg, bit-tama li jbiddel fehmtu pero' ma riedx jaf. Kelli ghazla quddiemi - jew li inhassar iz-zwieg ftit tal-gimghat qabel (bil-konsegwenza li naghti battikata jew kedda lill-ġenituri tieghi li ghandhom l-eta' u li diga' rawni nghaddi minn divorzju) jew li naccetta li niffirma u nibqgliu ghaddejjin bit-tieg biex ma naqlax inkwiet. Iffirmajt il-kuntratt quddiem in-Nutar Dr. Timothy Ellis ftit tal-granet qabel it-tieg. Fi ftit kliem issuppervjajt u ghidt bejni u bejn ruhi li jien kapaci nmantni lili nnifsi u lit-tifla tieghi ghalkemm nammetti li xejn ma kont kuntenta bil-fatt li Jeffrey kien qed jigbed lejh u li z-zwieg taghna ma kienx ser ikun bhal ta' koppji ohra fis-sens ta' sharing. Illum nirrealizza wkoll li mhux biss ma kienx qed jara z-zwieg fis-sens ta' sharing imma ried li jipprotegi ruhu bl-aktar mod assolut ghax kien jaf li z-zwieg taghna mhux ser idum (kif fil-fatt gara) ghax diga' kien hemm il-problemi ma' wliedu u fil-fond ta' qalbu kien jaf li wliedu dejjem kienu ser jirbhuli f'kull decizjoni.*

"*Gimgha qabel it-tieg, bintu l-kbira Jennyfer iggieldet mieghi glieda kbira tant li lanqas giet ghall-hens party u bdiet tghid affarijiet li kienu illogici, per ezempju li jien ghadni nippreferi l-boyfriend li kellha qabel u mhux li kellha dak iz-zmien u li jien ma kontx nirrispettaha. Pruvat ixxewwex lit-tfal l-ohra pero' dawn ma komplewx maghha u ndunajt li kellha skop wiehed u cioe' li tifridna ghaliex ma riditx li nizzewgu ghaliex dahhlitha f'mohhha li issa li konna ser nizzewgu, flusha kienu ser jonqsu. Dan nista' nghidu wkoll ghaliex Jeffrey mhux l-ewwel darba li qalli li l-kuntratt ta' qabel iz-zwieg kien ser iservi wkoll sabiex jassigura lill-uliedu li sehemhom ma kien ser imissulhom hadd. Jennyfer qattghet prattikament gimgha ghand ommha u giet lura xi gurnata qabel it-tieg. Jien hsibt li din kienet biss tantrum da parti taghha u li issa stajna nimxu 'l quddiem. Sfortunatament kont zbaljata ghaliex din ma kienitx biss tantrum ta' qabel iz-zwieg imma l-attitudni taghha kontinwat sakemm domna nghixu taht l-istess saqaf wara z-zwieg (liema perjodu kien qasir).*

"*Il-gurnata tat-tieg waslet u ghaddiet u minghalija li kollox kien sew kemm bejni u bejn Jeffrey kif ukoll bejni u bejn Jennyfer. Fil-fatt mhux hekk kien il-kaz ghaliex ftit tal-granet wara, hekk kif konna ser immorru ghal break qasir bhala honeymoon qalghet glieda kbira fuq xi flus li riedet u tat tbaqbiqa kbira lil Jeffrey. Jennyfer tghix barra minn Malta pero' baqghet cold mieghi minn wara l-glieda ta' qabel it-tieg. Kont naghmel kull sforz biex nikkomunika maghha u kienet tkellimni ta' bilfors ghax qatt ma naf li kienet tiehu l-inizzjattiva biex iccempilli jew tibghat xi messagg. Min-naha tieghu Jeffrey kien jippretendi lili li naghmel l-ewwel pass ghax kien jghidli li "You never warmed up to my kids" imma l-verita' hi li kienet izzomm distanza kbira minni biex tibghatli l-messagg li ma rieditx affari mieghi - kemm tkellimni ta' bilfors u daqshekk. Meta Jeffrey kien jghidli kliem bhal "You never warmed up to my kids" kien qisu jinsinwa li mhux bhalu, fis-sens li kien jikkumpara r-relazzjoni tieghu ma' binti. Fil-verita' it-tifla tiegni tiftakru f'hajjitha kwazi minn dejjem ghax kellha 6 snin meta ltqajna u ghalhekk tqisu bhala missierha jew persuna importanti f'hajjitha. Jeffrey kellu relazzjoni tajba maghha ghalkemm irrid nghid li eventwalment, meta beda l-glied ta' bejnietna, dejjem tkellem fil-plural u meta keccieni mid-dar, xejn ma haseb fuq binti lanqas ghax qalli biex "nohorgu 'l barra it-tnejn li inthom". Dan il-kliem semghetu binti stess u ghalhekk kienet tinduna li l-glied ma kienx xi haga ta' bejnietna biss izda kien jinkludi wkoll lilha. B'hekk, it-tfal taghna (ta' zwigijiet precedenti) spiccaw is-sore point ta' bejnietna.*

"*Nixtieq nghid ukoll li qabel iz-zwieg, gieli kien hemm zmien fejn xtaqt li jkollna t-tfal (specjalment fl-ewwel snin tar-relazzjoni taghna) filwaqt li Jeffrey ma riedx. Kien hemm zmien iehor (madwar seba' snin fir-relazzjoni tagnna) fejn kien Jeffrey li ried it-tfal filwaqt li jien hassejt li kont kbirt wisq fl-eta' biex ikollna t-tfal. Maz-zmien pero' ddecidejna li ma kienx ser ikollna tfal (anke wara z-zwieg) tant li Jeffrey gie mieghi ghand il-gynae biex issir procedura interna (mirena) halli zgur ma jkollniex tfal. Nikkonferma li tul iz-zwieg taghna kollu sakemm finalment isseparajna zammejt il-mirena u ghalhekk ma kien hemm ebda possibilita' li jkollna l-ulied. Jeffrey kien jaf biha u kien kuntent b'din is-sitwazzjoni, anke minnabba l-problemi li kellna fuq it-tfal tal-ewwel zwieg kif spjegajt aktar 'il fuq. Izzewwigna wkoll bil-patt u l-kondizzjoni li ma jkollniex tfal biex ma nkomplux nikkumplikaw il-hajja ta' bejnietna aktar ma kienet kumplikata diga'.*

"*Jeffrey stqarr ma' numru ta' nies li kellu jaghzel bejni u bejn uliedu u fil-fatt hekk ghamel ghaliex wara biss sena zwieg, ghazel lit-tfal u ddecieda li jien u Celine kellna nohorgu mid-dar. Dan gara wara argument serju fuq wahda minn uliedu. Kif hrigt barra mid-dar (ghax kont naf x'kien jghid il-kuntratt ta' qabel iz-zwieg), sirt naf li Jeffrey kellu diga' wicc haddiehor. Din harget fil-pubbliku u ghalhekk m'jien qed nghid l-ebda sigriet. Weggajt mhux biss ghax Jeffrey kellu wicc*

*haddiehor imma ghax kien jaf li l-adulterju da parti tieghu ma kien ser ikollu ebda riperkussjonijiet fuq iz-zwieg taghna mil-lat finanzjarju proprju minhabba l-kuntratt li ffirmajna qabel iz-zwieg u din hija wahda mir-ragunijiet li jien insostni li Jeffrey kien jaf li z-zwieg taghna ma kienx ser jirnexxi ghaliex kien jaf li seta' prattikament jibqa' jghix ta' guvni minghajr konsegwenzi ghax dak li kien ser jorbot kien fil-fatt il-kuntratt u xejn aktar.*

"*Naghlaq billi nghid li Jeffrey izzewwigni biss ghax kien jaf li kont ser nitlaq u mhux ghax verament ried jaghmel dak il-pass. Nemmen li fil-fond ta' qalbu kien jaf li z-zwieg tagnna ma kienx ser jirnexxi (tant li accerta ruhu li niffirma kuntratt li ma jkolli dritt ta' xejn wara s-separazzjoni) u ried biss li man-nies jidher li kien hu minn tal-ewwel li ghamel uzu mis-sistema tad-divorzju u li seta' jerga' jizzewweg. Fil-fatt illum nirrealizza li meta qalli li kieku m'ghidtlux dak il-kliem li kont ser nitilqu u fuq kollox li kieku ma ffirmajtx dak il-kuntratt ta' qabel iz-zwieg, zgur li Jeffrey ma kienx jizzewigni. Iz-zwieg tagnna sar biss ghall-pubbliku u mhux ghax verament seta' jarana nghixu hajjitna kollha flimkien*.

"Xehdu wkoll bil-procedura ta' l-Affidavit, **Bernadette Ciantar, Saviour Ciantar** u **Celine Camilleri Ciantar**, prodotti mill-attrici.

"L-attrici ressqet ukoll bhala xiehda lil **Dr. Simon Farrugia, Marion Attard Bezzina, Alex Tranter** u **Dr. Isabelle Saliba**, li lkoll xehdu viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

"*Verzjoni Konvenut*

"**Il-konvenut Dr. Jeffrey Pullicino Orlando xehed permezz ta' Affidavit**[2] fejn iddikjara hekk:-

*"Nikkonferma li jien izzewwigt lil Carmen Ciantar fil-11 ta' Awwissu 2012 bir-rit civili u miz-zwieg taghna ma kellna ebda wlied. Illum, ahna legalment separati permezz ta' kuntratt.*

"*It-tnejn li ahna konna gejjin minn zwigijiet imkissrin precedentement, u kellna tfal minn qabel, li kienu kibrulna u kienu diga` teenagers. Meta zzewwigna konna ilna madwar 10 snin nghixu flimkien. Meta dahlet il-Ligi tad-divorzju ahna konna hadna d-divorzju mill-partners precedenti li kellna.*

"*Gara li wara li konna hadna d-divorzju, Carmen bdiet tinsisti li nizzewgu. Ghalkemm kont inhobbha, spjegajt lil Carmen li ma kontx lest nidhol ghal zwieg iehor meta kont ghadni kemm inhallejt miz-zwieg ta' qabel. Fuq kollox, konna ilna committed ma' xulxin ghal izjed minn 10 snin bla ma konna mizzewgin, u konna ninhabbu - ma rajtx ghalfejn l-istatus quo kellu jinbidel.*

---

[2] A fol. 77 *et seq.*

"*Carmen haditha hazin, u konna niggieldu fuq hekk. Sa hedditni li jekk ma nizzewgux, kienet titlaqni. Carmen qaltli li la konna divorzjati stajna nizzewgu u ma kienx hemm raguni ghalfejn ma kellniex nizzewgu. Bdiet taghmilli hafna pressjoni biex incedilha, u nizzewgu.*

"*Wara xi gimghat fejn konna sirna qisna kelb u qattus minhabba n-nuqqas ta' qbil fuq iz-zwieg, u meta wrietni li kienet lesta titlaq mid-dar, sabiex insalva r- relazzjoni li kellna, relazzjoni li kont investejt 10 snin fiha, iddecidejt li ncedi, u accettajt li nizzewgu. Carmen ovvjament ferhet. Kuntrarjament ghal li qalet Carmen flx-xhieda taghha, jien ma biddiltx fehmti minhabba l-aspettattivi tan- nies (peress li kont il-mohh wara l-kampanja tad-divorzju), izda minhabba l-pressjoni li kienet tezercita Carmen stess on a daily basis. Jien niddivorzja ridt mill-ex mara tieghi, la dak iz-zwieg tkisser, imma lanqas ma kien ifisser li ridt nerga' nizzewweg. Dik li tmur id-dar, u minflok il-mara thobb tidhak, tiggieled mieghek, taghmel il-buri, ma tkellmekx jew thedded li se titilqek u ssarraf atmosfera ta' tensjoni u dwejjaq kontinwu fid-dar, ma flahthiex izjed. Il-pressjoni biex nizzewweg ghamlithieli hi u hi biss, b'dan l-atteggjament u bit- theddida li titlaqni, u iva kienet affettwatni bil-kbir.*

"*Naturalment, ta' mara li hi, wara li cedejt, damet issaqsini u tiffittani jekk kontx cert mid-decizjoni tieghi, u jien, biex inzomm il-paci dejjem wegibtha fl- affermattiv, ghalkemm ma kienx dak li verament xtaqt dak il-hin. Nerga' ntenni li dak iz-zmien, ma kontx inhobbha inqas; semplicement ma xtaqtx nizzewweg ghaliex kont ghadni kemm inhallejt minn zwieg iehor u la ridt nizzewweg u lanqas ma kont ippreparat biex nerga nizzewweg. Xtaqt li nibqghu nghixu kif konna.*

"*Huwa minnu li tixhed Carmen li jien ma ridtx tfal ohra. Konna lhaqna certu eta' u kont qed navvanza fil-professjoni u fil-karriera politika tieghi. Anke Carmen stess ma reditx ikollha izjed tfal. Konna hadna din id-decizjonl wkoll sabiex ma nikkomplikawx il-hajja ta' bejnietna peress li kien hemm tfal minn zwigijiet ohra. Tant hu hekk illi kif xehdet sewwa Carmen, konna morna flimkien ghand il-gynae taghha biex issirlha procedura interna biex zgur ma jkollniex tfal u din il-procedura baqghet tiswa sahansitra wara z-zwieg sakemm eventwalment isseparajna.*

"*Ghalhekk huwa minnu li konna miftehmin minn qabel li zzewwigna li tfal ma redniex, u f'ebda mument waqt iz-zwieg ma ppruvajna li jkollna tfal.*

"*Carmen qalet li diga' kelli f'mohhi li z-zwieg taghna ma kienx jirnexxi, izda dan ma hu minnu xejn. Huwa minnu li jien ma xtaqtx nizzewweg, u dan ghar- ragunijiet li diga' tajt. Iz-zwieg, ghalija, kien biss certifikat li ma xtaqtx li jerga jkolli. Izda jien kont committed ghar-relazzjoni li kelli ma' Carmen, u ghalkemm ma emmintx fiz-zwieg, u ma xtaqtx nizzewweg, lil Carmen ma ridtx nitlifha, u l-intenzjoni tieghi kienet illi certifikat u mhux certifikat, ir-relazzjoni taghha tkompli.*

"*Ghalhekk, kif tghid sewwa Carmen, jien izzewwigt lil Carmen biss minhabba li hedditni kontinwament li titlaqni jekk ma nizzewgux, u mhux ghaliex ridt niehu dak il-pass. Dan ghamiltu biss biex nipprotegi r-relazzjoni tieghi maghha, ghalkemm messni indunajt minn qabel li meta partner tirrikattak b'dan il-mod, ebda relazzjoni ma' tkompli ghal dejjem.*

"*Nixtieq inzid biss illi, kif qalet Carmen, u kif jaf kulhadd, jien kont minn quddiem immexxi l-kampanja ghad-divorzju. B'dan irrid infisser illi jien qatt, u ghadni sal-lum, ma nemminx li l-kuncett taz-zwieg ifisser rabta ghal dejjem.*

"*Jien qieghed naqbel li z-zwieg taghna jigi dikjarat null ghaliex huwa veru li jiem ma ridtx nizzewweg, u zzewwigt kontra qalbi, ghalkemm lil Carmen kont u bqajt inhobbha [sakemm isseparajna], u huwa veru wkoll li ma ridtx tfal miz-zwieg u kont ghamiltha cara minn qabel ma zzewwigna. Izda l-verita' hi wkoll li lanqas Carmen ma riedet tfal, u konna fil-fatt miftehmin qabel ma zzewwigna li ma jkollniex tfal. Ghalhekk, anke Carmen ghandha terfa r-responsabilita' taghha ghal dan iz-zwieg u ma jkunx gust li nitqies li nahti jien wahdi.*

"Il-Qorti tosserva illi ma saru ebda kontro-ezamijiet tal-partijiet u lanqas tax-xiehda minnhom prodotti izda l-konvenut permezz ta' nota[3], indika r-ragunijiet li ghalihom irrinunzja ghad-dritt tal-kontro-ezami ta' whud mix-xiehda prodotti mill-attrici.

"Ikkunsidrat;

"Qabel xejn, in vista tal-qbil generali li jirrizulta li hemm bejn il-partijiet li z-zwieg taghhom huwa null u minghajr effett fil-ligi, il-Qorti tqis li jkun opportun li jsiru s-segwenti osservazzjonijiet.

"Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-serjeta` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'*lex specialis* taht il-Kap. 255, li telenka r-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`:-

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova*

---

[3] Fol. 80.

*sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*[4]

"In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva[5]:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.*

"Fis-sentenza **Anna Tonna vs Alexander Tonna**[6], il-Qorti ta' l-Appell ghamlet dan l-insenjament:-

> *"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kapriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju.*

"Ghalhekk, f'kull kaz, il-Qorti ghandha tgharbel il-provi u abbazi ta' dawk il-provi migjuba, tqis jekk jirrizultawx ragunijiet cari u serji li huma kontemplati mil-Ligi u li jwassluha ghall-konvinciment li z-zwieg huwa tassew invalidu, u dan irrispettivament mill-qbil jew amissjoni tal-parti l-ohra li z-zwieg ghandu jigi dikjarat li huwa null.

"Ikkunsidrat;

"**Artikolu 19 tal-Kapitolu 255**[7] tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:-

*"19 (1) B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:-*

"***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija***

[4] **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 27 Jannar 2006.
[5] **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, 12 Lulju 1987.
[6] Deciza 6 Novembru 1991.
[7] Att dwar iz-Zwieg

***psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

*“omissis*

“***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

“Ikkunsidrat;

“Kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta’ zwieg imsejsa sew fuq is-subinciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-subinciz (1) (d), tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita’ tal-azzjoni, min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

“Dwar l-inkompatibilita’ bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Kenneth Cefai v. Louise Cefai**, deciza 11 ta’ Novembru 2011:-

> *“Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi.*

“Inoltre, fis-sentenza **Zammit v. Zammit**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis- 27 ta’ Jannar 2006, intqal is-segwent in materja tal-inkompatibbilta` bejn iz-zewg kawzali msemmija:-

> *“Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b’att pozittiv tal-volonta` ta’ dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta’ simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta’ zwieg bazata fuq il-kawzali ta’ simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta’ zwieg minhabba nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju. L-inkompatibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.*

“Ikkunsidrat ulterjorment;

“**Nullita' taht l-Artikolu 19 (1) (d).**

***"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija***

***psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

“Permezz ta' kawzali numru 3 l-attrici qed titlob illi z-zwieg taghha minn mal-konvenut jigi dikjarat null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) imsejsa fuq l-allegazzjoni ta' kunsens vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

“Fl-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u l-obbligazzjonijiet li jitnisslu miz-zwieg. Fl-ewwel artikolu ta' dan il-Kodici, intitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin" jinghad hekk:

*“2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*

“*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*

“*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.'*

“Kif gie ritenut fil-kawza **Janet Portelli vs Victor Portelli** (P.A. 14 ta' Awissu 1994) kif ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza **Simon Cusens vs Romina Cusens**:[8]

> *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

“Inoltre, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Lulju 2003 inghad illi:

> *“...il-kuncett tad-‘discretio judici’ ma jirrekjedhiex maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe’ ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cioe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk*

[8] Qorti Civili (Sezzjoni Familja) 10.12.2014; konfermata mill-Qorti tal-Appell 12.04.2016

*xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi.*

"Inghad ukoll f'sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2005 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Mario Mizzi vs Maris Mizzi**:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*

"Fl-isfond tal-gurisprudenza su-citata, u fid-dawl tal-provi migjuba quddiemha, ma jirrizultax lil din il-Qorti illi xi hadd mill-partijiet kien fil-mument li gie celebrat iz-zwieg afflitt minn "anomalija psikologika serja". Ma jirrizultax illi xi hadd mill-partijiet kellu xi nuqqas kostituzzjonali jew inkapacita' psikika li kienet qed timpedih milli jaghraf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

"Dwar l-allegat "nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju", wara li l-Qorti fliet bir-reqqa t-testimonjanzi tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, tirrileva illi l-ebda testimonjanza, la individwalment u lanqas fl-assjem, ma twassalha ghall-konvinciment morali illi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg de quo xi hadd mill-partijiet kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-doveri u drittijiet relatati mal-istess. Id-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplat fil-ligi jrid ikun wiehed serju, u jrid jigi ppruvat b'mod car u inekwivoku. Isegwi ghalhekk illi mhux kull difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

"Jinghad ukoll illi decizjoni zbaljata ma twassalx necessarjament ghal vizzju fil-kunsens. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [vide in materja PA **Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt** deciza 15 ta' April 1996].

"Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 30 ta' Settembru 2016, fl-ismijiet **Avukat Dr Sabrina Micallef fil-kwalita` taghha ta' mandatarja specjali ta' l-imsiefra Maria Therese Fingal vs Henrik Daniel Fingal**, fejn inghad:

*"Kif ga` ssemma fis-sentenza Agius utrimque (supra) il-legislatur ma jirrikjedix xi maturita` elevata biex zwieg ikun validu. Kieku l-maggoranza kbira taz-zwigijiet ikunu nulli u jirrizulta li l-partijiet anke kellhom eta` normalment matura bizzejjed biex jersqu ghaz-zwieg – l-attrici kellha 27 sena u l-konvenut addirittura 34 sena. Ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti tirraviza certu nuqqas ta' hsieb mill-partijiet qabel ma ddecidew li jizzewgu, lanqas ma tara li kien hemm raguni ghaliex l-istess zwieg ghandu jkun dikjarat null skont il-provi li tressqu.*

“Dawn il-kostatazzjonijiet jghoddu wkoll ghall-kaz odjern. Jigi osservat illi l-partijiet kienu ilhom jikkoabitaw ghal ghaxar snin qabel izzewgu u kellhom eta` matura bizzejjed sabiex jifhmu ghal xiex kienu dehlin u jaghmlu ghazla libera. Ghalkemm il-konvenut isostni illi huwa resaq ghaz-zwieg ghaliex kien mhedded mill-attrici illi jew jizzewwigha jew titilqu, dan ma jammontax ghal kunsens vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ir-ragunijiet li tat l-attrici biex tissostanzja t-talba taghha jistghu jkunu rilevanti f'kawza ghal separazzjoni personali jew ghal divorzju, izda ma jwasslux ghall-estremi tan-nullita' taz-zwieg tal-partijiet.

“Fl-isfond tal-gurisprudenza riportata, u abbazi tal-provi migjuba quddiemha, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi t-talbiet attrici imsejsa fuq is-sub inciz (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap 255 huma infondati.

“**Nullita` taht l-Artikolu 19(1)(f)**

"***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"***

“Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta’ simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

“Skont kif ritenut fis-sentenza **Simon Cusens vs. Romina Cusens**, sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta’ dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg[9]. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

“Issir ukoll referenza in materja ta’ simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, ghas-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**[10] fejn jinghad li:-

> *"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew*

[9] Tezisti gurisprudenza ampja in materja, fosthom is-sentenzi **Galea vs Walshi** (Prim’Awla tal-Qorti Civili – 30 ta’ Marzu 1995); **Muscat vs Borg Grech** (Prim’Awla tal-Qorti Civili - 14 ta’ Awissu 1995); **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Qorti ta’ l-Appell – 27 ta’ Jannar 2006).
[10] Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza 28 ta’ April 2002.

*wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*

"Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[11]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*.

"Ikkunsidrat;

"Illi mit-taghlim gurisprudenzjali fuq enuncjat, huwa evidenti illi sabiex il-Qorti tista' tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg abbazi ta' dan l-Artikolu 19(1)(f), irid jigi ppruvat illi kien hemm simulazzjoni da parti ta' xi hadd mill-partijiet fis-sens illi parti tkun eskludiet wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

"Il-partijiet issottomettew illi z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat null peress illi fil-mument tac-cerimonja taz-zwieg kienu qed jeskludu li jkollhom ulied matul iz-zwieg taghhom.

"In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**[12] fejn gie ritenut li:

*"Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. ... Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni ta' l-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens u jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg innifsu. Tant huwa essenzjali l-bonum prolis illi sahansitra meta l-eskluzjoni ta' l-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null.*

"Terga' ssir referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"… rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu*.

"Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**[13], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg

[11] Deciza 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.
[12] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru 2002.
[13] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju 1994.

bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[14]. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina[15]** u fis-sentenza **Grech vs. Grech**[16].

"Ikkunsidrat;

"Minn ezami tan-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet wiehed jifhem illi meta l-attrici fir-rikors guramentat taghha u l-konvenut fir-risposta guramentata tieghu jaghmlu referenza ghall-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255, qed jintalab li z-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null fuq il-pretest illi qabel ic-cerimonja taz-zwieg taghhom iz-zewg partijiet kienu eskludew li jkollhom ulied matul iz-zwieg.

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-attrici taghmel is-segwenti sottomissjoni fir-rigward:-

"Illi wiehed mill-argumenti li tressaq waqt il-mori tal-kawza kien proprju dak li l-partijiet jew min minnhom ghamel simulazzjoni tal-kunsens b'mod parzjali abbazi tal-fatt li kien hemm eskluzzjoni tal-prolazzjoni tal-ulied.........iz-zewg partijiet jikkonfermaw li tul iz-zwieg taghhom (fl-intier tieghu) .............eskludew il-possibilita' li jkollhom l-ulied mhux biss b'mezzi naturali izda b'mezzi li ma jhallu ebda possibilita' li jitnisslu ulied.

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut issottometta illi huwa jaqbel illi z-zwieg tal-partijiet kien null ghaliex eskludew li jkollhom ulied. "Madankollu, jirrizulta wkoll ampjament mill-provi li din kienet decizjoni li l-partijiet hadu flimkien. It-tnejn li huma qablu, anke fir-ragunijiet taghhom, ghalfejn ma riedux tfal minn dan iz-zwieg, u dan huwa koncess mill-attrici, anke fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha.

"Ghalkemm l-attrici xehdet li kien hemm zmien fl-ewwel snin tal-konvivenza tal-partijiet qabel ma zzewgu fejn hija xtaqet li jkollhom tarbija, qalet li dak iz-zmien il-konvenut ma riedx. Jirrizulta ulterjorment mix-xhieda mhux kontradetta ta' l-attrici, illi wara ftit tas-snin, izda dejjem qabel iz-zwieg, il-konvenut donnu bidel fehmtu u wera d-dispozizzjoni tieghu li jkollhom tarbija, izda sadanittant l-attrici kienet lahqet bidlet il-hsieb ghaliex hassitha kibret wisq fl-eta` biex ikollha tfal iktar. Infatti, huwa stabbilit illi fiz-zmien li gie celebrat iz-zwieg, il-volonta` soggettiva tal-partijiet kienet konkordanti fis-sens li kienu entrambi tal-fehma li minn dan iz-zwieg taghhom ma jkollhomx tfal.

"L-attrici fir-rigward xehdet hekk:-

"*Maz-zmien pero` ddecidejna li ma kienx ser ikollna tfal (anke wara z-zwieg) tant li Jeffrey gie mieghi ghand il-gynae biex issir procedura*

[14] Citata mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 237/14.
[15] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30 ta' Jannar 1991.
[16] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9 ta' Orrubru 1990.

*interna (mirena) halli zgur ma jkollniex tfal. … Jeffrey kien jaf biha u kien kuntent b'din is-sitwazzjoni, anke minhabba l-problemi li kellna fuq it-tfal tal-ewwel zwieg kif spjegajt aktar 'il fuq. Izzewwigna wkoll bil-patt u l-kondizzjoni li ma jkollniex tfal biex ma nkomplux nikkumplikaw il-hajja ta' bejnietna aktar ma kienet kumplikata diga'.*

"Il-Qorti tifhem illi din il-volonta` tal-partijiet, apparti li tirrizulta mit-testimonjanza inekwivoka u inkontestata taghhom, tinsab rinforzata mill-isfond tal-isfidi li rriskontraw il-partijiet fir-relazzjoni taghhom proprju minhabba problemi fir-relazzjoni bejn l-attrici u wlied il-konvenut mill-ewwel zwieg tieghu, kif jinsab dettaljat fl-Affidavits rispettivi taghhom. Fir-rigward, il-konvenut xehed hekk:-

"*Huwa minnu li tixhed Carmen li jien ma ridtx tfal ohra. Konna lhaqna certu eta` u kont qed navvanza fil-professjoni u fil-karriera politika tieghi. Anke Carmen stess ma riditx ikollha tfal izjed. Konna hadna din id-decizjoni wkoll sabiex ma nikkomplikawx il-hajja ta' bejnietna peress li kien hemm tfal minn zwigijiet ohra.*

"Il-Qorti tosserva illi b'zieda mal-fatt li z-zewg partijiet jaqblu fil-verzjonijiet rispettivi taghhom dwar dan il-punt, il-fatt li l-att taz-zwieg ma kienx effettivament miftuh ghall-prokreazzjoni tal-ulied jirrizulta anke b'mod oggettiv. Infatti, il-ftehim bejn il-partijiet li jeskludu l-prokreazzjoni tal-ulied fiz-zwieg gie esternizzat u attwat meta, wara cirka hames xhur miz-zwieg, il-koppja marret flimkien ghand Dr. Isabelle Saliba biex jigi introdott fl-attrici il-*coil* (Mirena) bl-intendiment proprju li jigi evitat li l-intimata tohrog tqila. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Dr Isabelle Saliba li lill-attrici kien diga` sarilha dan l-apparat, li jservi ghal cirka hames snin, darbtejn ohra fil-passat. Il-Qorti filwaqt li tosserva li z-zwieg bejn il-partijiet ikkrolla wara sena biss u l-attrici kkonfermat li tul iz-zwieg hija zammet dan l-apparat, tqis illi x-xhieda ta' Dr. Saliba hija prova konkludenti li l-partijiet kienu rizoluti li jeskludu l-prokreazzjoni tal-ulied miz-zwieg taghhom.

"Stabbilit illi l-partijiet ftehmu qabel ic-cerimonja taz-zwieg taghhom illi ma jkollhomx ulied miz-zwieg taghhom, jehtieg jigi ezaminat jekk tali eskluzzjoni konkordi bejn il-partijiet tikkostitwixxiex il-*caput nullitatis* kontemplat fl-artikolu 19 (1) (f).

"Tajjeb jigi rilevat illi l-Artikolu 19 (1) (f) ghandu l-origini tieghu fil-ligi Kanonika senjatament Canone 1101:-

"**Kodici Kanoniku**

"Can. 1101

"1. The internal consent of the mind is presumed to conform to the words and signs used in celebrating the marriage.

“2. If, however, either or both of the parties by a positive act of the will exclude marriage itself, some essential element of marriage, or some essential property of marriage, the party contracts invalidly.

“Can. 1096

“1. For matrimonial consent to exist, the contracting parties must be at least not ignorant that marriage is a permanent partnership between a man and a woman ordered to the procreation of offspring by means of some sexual cooperation.

“Kif rajna Artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg"*

“Ghalkemm simili hemm differenzi ta' portata mhux insinifikanti bejn iz-zewg ligijiet fir-rigward. Il-ligi kanonika tipprovdi illi z-zwieg huwa "ordered to the procreation of children" [Canone 1096]. **Dan pero` ma jsib l-ebda riskontru fil-ligi civili.**

“Mill-provi akwiziti fil-kawza odjerna jirrizulta illi hadd mill-partijiet ma eskluda id-dritt ghall-att taz-zwieg. Mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi l-partijiet kellhom hajja intima regolari minn wara z-zwieg oltre illi hadu l-mezzi necessarji sabiex l-attrici ma tinqabadx tqila.

“**Elementi Essenzjali tal-Hajja Mizzewga**.

“Skond Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 zwieg huwa null jekk xi hadd mill-partijiet, fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg, ikun eskluda xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

“Kif rajna aktar qabel hemm gurisprudenza tal-Qrati civili taghna illi ssostni li l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 ghandha tigi nterpretata bhalma t-Tribunal Ekklesjastiku jinterpreta Canone 1101 fuq citat. Bid-dovut rigward din il-Qorti ma taqbilx ma tali interpretazzjoni. Dan ghaliex il-mertu ta' kawza ta' annullament ta' zwieg civili jitratta zwieg civili celebrat ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi civili u mhux zwieg kattoliku celebrat ai termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi kanonika.

“Skond il-Ligi Kanonika l-att taz-zwieg ghandu jkun miftuh ghall-prokreazzjoni tal-ulied u bhala tali huwa meqjus wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Jekk xi hadd mill-partijiet jew it-tnejn jiddeciedu qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg illi intenzjonalment ma jkollhomx ulied matul iz-zwieg, hemm il-possibilita' li z-zwieg religjuz jigi dikjarat null.

“Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan l-aspett tal-vertenza u ezaminat bir-reqqa l-gurisprudenza rilevanti u qed tasal ghall-konkluzzjoni illi il-prokreazzjoni tal-ulied ma hiex wahda mill-elementi essenzjali taz-

zwieg civili. Jigi sottolineat illi hawn si tratta ta' zwieg civili u ghalhekk l-elementi taz-zwieg civili johorgu mill-Ligi Civili u mhux minn fonti ohra. Il-prokreazzjoni tal-ulied ma hiex element essenzjali tal-hajja mizzewga. Kienet tkun sitwazzjoni differenti kieku xi hadd mill-partijiet eskluda d-dritt tal-att taz-zwieg lill-parti l-ohra. Kienet tkun sitwazzjoni kompletament differenti kieku xi hadd mill-partijiet, ad insaputa tal-parti l-ohra li kellha aspettativa tal-ulied miz-zwieg, eskludiet a priori li jkollhom ulied. Izda fil-kaz odjern iz-zewg partijiet ftehmu illi matul iz-zwieg, filwaqt li jezercitaw l-att taz-zwieg, jadoperaw mezzi kontracettivi sabiex ma jkollhomx ulied. Fil-fehma tal-Qorti il-partijiet kellhom kull dritt, ghal ragunijiet taghhom, jeskludu a priori li fil-hajja matrimonjali taghhom jiggeneraw l-ulied. Kienet decizzjoni illi hadu flimkien wara li kienu ilhom jghixu flimkien ghal ghaxar snin. Fl-ordinament guridiku civili nostran mhux provdut ghall-validita' tal-kunsens matrimonjali illi l-att taz-zwieg irid ikun miftuh ghall-prokreazzjoni tal-ulied. Una volta hadd mill-partijiet ma inganna lill-parti l-ohra f'dan ir-rigward, ma jistax jinghad li jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 19 (1) (f).

“Din il-Qorti gia kellha okkazzjoni tiddelibera fuq dan l-aspett tal-kawza odjerna. Fis-sentenza "**John Carabott vs Marthese Carabott Abdilla**"[17] intqal dan li gej:-

> "Din il-kawzali hija msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255. Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta’ dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta’ simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori. Tezisti gurisprudenza nostrana kopjuza fir-rigward fosthom “**Galea vs Walshi**” (P.A. – 30 ta’ Marzu 1995; **Muscat vs Borg Grech** (P.A. – 14 ta’ Awissu 1995); “**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Appell – 27 ta’ Jannar 2006). Issir ukoll referenza ghas-sentenza "**Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine**" (P.A. - 28 ta' Mejju 2002) fejn jinghad li "meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

“Fil-fehma tal-Qorti zwieg civili celebrat bir-rit kontemplat fil-Kapitolu 255 (Att Dwar iz-Zwieg 1975) ma hux null fuq il-pretest li l-partijiet ikunu minn qabel iddecidew li ma jkollhomx tfal. Zwieg civili ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-konjugi illi ghandhom jidhlu ghaz-zwieg bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Jekk minn qabel ma jizzewgu il-partijiet jaghmluwah

---

[17] Qorti Civili (Sezzjoni Familja) [285/12RGM] - 30.04.15]

cara li ma jridux ulied, anke jekk ma hemm l-ebda impediment bijologiku ghal dan, iz-zwieg civili huwa perfettament validu.

"Ghalhekk il-Qorti qed issib illi t-talba attrici in kwantu imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 ma hiex fondata."

**L-Appell**

6. L-attrici issejjes l-appell taghha fuq tliet aggravji: [1] li l-kunsens matrimonjali tal-partjiet kien vizzjat skond l-Artikolu 19[1][f] tal-Att dwar iz-zwieg [Kap.255], stante li eskludew li jkollhom tfal mit-tieni zwieg u ghalhekk jonqos wiehed mir-rekwiziti essenzjali ta' zwieg validu [2] li fil-mument li l-konvenut ta l-kunsens matrimonjali huwa kellu difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq l-import legali tal-hajja mizzewga a tenur tal-paragrafu [9] tal-artikolu precitat u [3] li l-*capita nullitatis* indikati fil-paragrafi [f] u [d] jistghu jezistu bhala kawzali alternattivi.

7. Abbazi ta' dawn l-aggravji, l-attrici qieghda titlob li s-sentenza appellata tigi revokata u t-talba taghha tigi miqlugha u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-ligi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

8. Min-naha tieghu, il-konvenut fir-risposta tieghu jghid li, filwaqt li hu jaqbel ma' dak deciz fis-sentenza appellata anke fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, u wkoll, filwaqt li jaqbel mal-ewwel u mat-tielet aggravju tal-attrici, jikkontesta dak attribwit lilu referibbilment ghat-tieni aggravju. Ghalhekk, isostni li huwa m'ghandux ibati spejjez ta' dan l-appell.

## **L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

9. Dan hu fis-sens li fil-mument li l-partijiet taw il-kunsens matrimonjali dan kien vizzjat minhabba li eskludew wiehed mir-rekwiziti essenzjali taz-zwieg, jigifieri li eskludew li jkollhom tfal mit-tieni zwieg. Ghalhekk, tghid l-attrici, u li maghha jaqbel il-konvenut, iz-zwieg bejniethom huwa null u m'ghandu jkollu ebda effett fil-ligi.

10. L-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjonijiet dettaljati dwar dan ir-rekwizit ghaz-zwieg civili validu, waslet ghall-konkluzjoni segwenti:

> "…zwieg celebrat bir-rit civili … ma hux null fuq il-pretest li l-partijiet ikunu minn qabel iddecidew li ma jkollhomx tfal. Zwieg civili ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-konjugi li ghandhom jidhlu ghaz-zwieg bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Jekk minn qabel ma jizzewgu il-partijiet jaghmluha cara li ma jridux ulied, anke jekk ma hemm l-ebda impediment bijologiku ghal dan, iz-zwieg civili huwa perfettament validu."[18]

11. Din il-Qorti tosserva li, fil-kaz odjern, kif ser jintwera aktar 'il quddiem f'dan il-gudizzju, il-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva, mhux biss tat-tfal fiz-zwieg, izda taz-zwieg innifsu.

[18] Sent. Pga.21

12. Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta pacifiku li, wara li dahlet il-ligi tad-divorzju fis-sistema legali taghna, l-attrici riedet li l-partijiet jizzewgu, izda l-konvenut ma riedx ghax jghid li hu ma kienx lest li jerga' jidhol fil-vinkolu taz-zwieg. Fl-affidavit[19] tieghu huwa jispjega li:

> "Ghalkemm kont inhobbha, spjegajt lil Carmen li ma kontx lest nidhol ghal zwieg iehor meta kont ghadni kemm inhallejt miz-zwieg ta' qabel ... … … ma kontx inhobbha inqas, semplicement ma xtaqtx nizzewweg … u la ridt nizzewweg u lanqas ma kont ippreparat biex nerga' nizzewweg. Xtaqt li nibqghu nghixu kif konna … … iz-zwieg ghalija kien biss certifikat li ma xtaqtx li jerga' jkolli. Izda jiena kont *committed* ghar-relazzjoni li kelli ma' Carmen u, ghalkemm ma emmintx fiz-zwieg u ma xtaqtx nizzewweg lil Carmen, ma ridtx nitlifha, u l-intenzjoni tieghi kienet illi, certifikat u mhux certifikat, ir-relazzjoni taghna tkompli."

13. Ikompli jispjega li, minkejja li hu ma riedx jizzewweg, huwa fl-ahhar kien ceda ghall-pressjoni li kienet ghamlet fuqu l-attrici *"on a daily basis"* sabiex jizzewwgu. Jghid li:

> "sabiex insalva r-relazzjoni li kellna, relazzjoni li kont investejt 10 snin fiha, iddecidejt li ncedi u accettajt li nizzewweg."

14. Izda, kif jirrizulta assodat mill-provi, wara z-zwieg u mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali beda l-inkwiet matrimonjali senjatament minhabba l-imgieba hazina tal-konvenut fil-konfront tal-attrici dettata mill-fatt li hu kien dahal f'vinkolu matrimonjali li ma riedx. Dan l-inkwiet dam ghaddej *circa* sena u nofs u eskala sal-grad li l-attrici u bintha telqu mid-dar matrimonjali parafernali tal-konvenut u l-partijiet isseparaw.

---

[19] Foll.89 *et seq.*

15. Din il-Qorti tosserva li mill-affidavit tal-konvenut stess, li jsib grad ta' konfort fil-kumplament tal-provi, jirrizulta li dan ma riedx jizzewweg u s-sitwazzjoni li zvolgiet immedjatament wara z-zwieg hija xiehda ta' dan il-fatt. Fi kliem iehor, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta` tieghu huwa eskluda, mhux biss li ma jkunx hemm tfal fiz-zwieg, izda eskluda z-zwieg innifsu, tant li wara z-zwieg huwa ma setax jibqa' jghix mal-attrici fil-vinkolu matrimonjali. Ghalhekk il-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat bis-simulazzjoni a tenur tal-paragru [f] tal-artikolu precitat u ghal din ir-raguni z-zwieg kien null *ab initio.*

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat, fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, u qed jigi milqugh.

17. La darba l-ewwel aggravju qed jigi milqugh u z-zwieg ser jigi dikjarat null, mhux il-kaz li din il-Qorti tikkunsidra ulterjorment iz-zewg aggravji l-ohra.

18. Rigward l-ispejjez, din il-Qorti tosserva li l-htija tan-nullita` taz-zwieg ghandha tintrefa' kollha mill-konvenut ladarba kien huwa li eskluda z-zwieg innifsu u wera bic-car li ghalih iz-zwieg huwa biss certifikat u xejn aktar u f'dan is-sens huwa inganna lill-attrici. Ghalhekk l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati minnu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi minn dan l-appell billi tilqghu u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu cahdet it-talba attrici u, minflok tilqa' t-talba u tiddikjara li z-zwieg li sehh bejn il-partijiet fil-11 ta' Awissu 2012 huwa null u bla effett bil-ligi.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell odjern ghandhom ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr